41999A0331(01)

PROTOKOLL

imfassal fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-*laundering* tal-qligħ fil-Konvenzjoni dwar l-użu ta' l-informazzjoni teknoloġika għal għanijiet doganali u l-inklużjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-mezzi tat-trasport fil-Konvenzjoni

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA għal dan il-Protokoll, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea,

JIRREFERU għall-Att tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 1999,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Konvenzjoni mfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-użu ta' l-informazzjoni teknoloġika għal għanijiet doganali [1], minn issa 'l quddiem imsemmija bħala "il-Konvenzjoni";

FTEHMU FUQ ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

Artikolu 1

It-tieni daħla ta' l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni għandha tkun emendata biex tinqara kif ġej:

"— it-transferiment, il-konverżjoni, il-ħabi jew it-travestiment tal-proprjetà jew qligħ li ġejjin minn, miksuba direttament jew indirettament minn jew li jintużaw fi, traffikar illiċitu internazzjonali ta' drogi jew xi ksur tal-liġi ta':

(i) l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kollha ta' Stat Membru li l-applikazzjoni tagħhom taqa' kollha jew parti taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-amministrazzjoni tad-dwana ta' l-Istat Membru f'dak li għandu x'jaqsam mat-traffiku fil-fruntiera ta' merkanzija pprojbita, restrizzjonijiet jew kontrolli, partikolarment skond l-Artikoli 36 u 223 tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u t-taxxi tas-sisa mhux armonizzati, jew

(ii) l-korp ta' dispożizzjonijiet tal-Komunità u dispożizzjonijiet assoċjati ta' implimentazzjoni li jirregolaw l-importazzjoni, esportazzjoni, transitu u preżenza ta' merkanzija kkummerċjata bejn Stati Membri u pajjizi terzi, u bejn Stati Membri fil-każ ta' merkanzija li ma għandhiex l-istatus tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9(2) tat-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew merkanzija soġġetta għall-kontrolli addizzjonali jew investigazzjonijiet għall-iskopijiet li jistabbilixxi l-istatus Komunitarju tagħhom, jew

(iii) l-korp ta' dispożizzjonijiet adottati fil-livell tal-Komunità taħt il-politika ta' agrikultura komuni u l-dispożizzjonijiet speċifiċi adottati fir-rigward ta' oġġetti li ġejjin mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, jew

(iv) l-korp ta' dispożizzjonijiet adottati fil-livell tal-Komunità għal taxxi tas-sisa armonizzati u taxxa miżjuda fuq l-importazzjoni flimkien mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li timplimentahom."

Artikolu 2

Il-kategoriji ta' data imniżżla fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni għandhom ikunu supplimentati bil-kategorija li ġejja:

"(ix) numru ta' reġistrazzjoni tal-mezzi ta' trasport."

Artikolu 3

1. Dan il-Protokoll għandu jkun suġġett għall-adozzjoni mill-Istati Membri skond il-bżonnijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lid-depożitarju bit-twettiq tal-bżonnijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom sabiex jadottaw dan il-Protokoll.

[1] ĠU Ċ 316, 27.11.1995, p. 34.

3. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ 90 jum wara n-notifika, imsemmija f'paragrafu 2, mill-Istat Membru li, bħala membru ta' l-Unjoni Ewropea fid-data ta' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-Att li jfassal dan il-Protokoll, ikun l-aħħar biex jissodisfa dik il-formalità. Imma, għandu jidħol fis-seħħ l-iktar kmieni fl-istess żmien bħal tal-Konvenzjoni.

Artikolu 4

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni minn kull Stat li jsir Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-istrumenti ta' adeżjoni għandhom ikunu depożitati mad-depożitarju.

3. It-test ta' dan il-Protokoll fil-lingwa ta' l-Istat li jaderixxi, imfassal mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropej, għandu jkun awtentiku.

4. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fir-rigward ta' kull Stat li jaċċettah 90 jum wara d-data tad-depożitu ta' l-istrument ta' adeżjoni jew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll jekk dan ta' l-aħħar ma jkunx daħal diġà fis-seħħ meta jkun skada l-perjodu msemmi ta' 90-il ġurnata.

Artikolu 5

Kull Stat li jsir Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea u jaċċetta l-Konvenzjoni skond l-Artikolu 25 tagħha jaċċetta l-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 6

1. Emendi għal dan il-Protokoll jistgħu jkunu proposti minn kull Stat Membru li hu Parti Kuntraenti Għolja. Kull emenda proposta għandha tintbagħat lid-depożitarju, li jikkomunikaha lill-Kunsill.

2. Emendi għandhom jkunu adottati mill-Kunsill, li għandhom jirrakkomandahom lill-Istati Membri għall-addozzjoni skond il-bżonnijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

3. Emendi adottati b'dan il-mod għandhom jidħlu fis-seħħ skond l-Artikolu 3.

Artikolu 7

1. Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jaġixxi bħala depożitarju ta' dan il-Protokoll.

2. Id-depożitarju għandu jippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej in-notifiki, l-istrumenti jew il-komunikazzjonijiet li jikkonċernaw dan il-Protokoll.

Hecho en Bruselas, el doce de marzo de mil novecientos noventa y nueve.

Udfærdiget i Bruxelles, den tolvte marts nitten hundrede og nioghalvfems.

Geschehen zu Brüssel am zwölften März neunzehnhundertneunundneunzig.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δώδεκα Μαρτίου χίλια εννιακόσια ενενήντα εννέα.

Done at Brussels on the twelfth day of March in the year one thousand nine hundred and ninety-nine.

Fait à Bruxelles, le douze mars mil neuf cent quatre-vingt-dix-neuf.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil an dara lá déag de Mhárta, míle naoi gcéad noacha naoi.

Fatto a Bruxelles, addì dodici marzo millenovecentonovantanove.


Gedaan te Brussel, de twaalfde maart negentienhonderd negenennegentig.

Feito em Bruxelas, em doze de Março de mil novecentos e noventa e nove.

Tehty Brysselissä kahdentenatoista päivänä maaliskuuta vuonna tuhatyhdeksänsataayhdeksänkymmentäyhdeksän.

Som skedde i Bryssel den tolfte mars nittonhundranittionio.

Pour le gouvernement du Royaume de Belgique
Voor de regering van het Koninkrijk België
Für die Regierung des Königreichs Belgien




For regeringen for Kongeriget Danmark




Für die Regierung der Bundesrepublik Deutschland




Για την κυβέρνηση της Ελληνικής Δημοκρατίας




Por el Gobierno del Reino de España




Pour le gouvernement de la République française




Thar ceann Rialtas na hÉireann
For the Government of Ireland



Per il governo della Repubblica italiana




Pour le gouvernement du Grand-Duché de Luxembourg




Voor de regering van het Koninkrijk der Nederlanden




Für die Regierung der Republik Österreich




Pelo Governo da República Portuguesa



Suomen hallituksen puolesta
På finska regeringens vägnar



På svenska regeringens vägnar



For the Government of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



DIKJARAZZJONIJIET

1. Ir-Renju ta' Spanja jiddikjara l-intenzjoni li jinkludi data fis-Sistema ta' Informazzjoni tad-Dwana wara li kkunsidra, f'kull każ, il-prinċipji ta' sigurtà legali u l-preżunzjoni ta' innoċenza, partikolarment meta d-data li għandha tkun inkluża hi relatata ma' kwistjonijiet fiskali.

2. Id-Danimarka tiddikjara, safejn hija kkonċernata, li l-Artikolu 1 għandu japplika biss għall-offiżi relatati li minħabba fihom f'kull ħin oġġetti misruqa huma punibbli taħt il-liġi Daniża, li jinkludi Sezzjoni 191a tal-Kodiċi Kriminali Daniża dwar li tirċievi drogi misruqa f'konnessjoni ma' kuntrabandu ta' natura partikolari aggravata.